# Lejn Ħamsin Sena Bażilika

Bla dubju aħna l-Karkariżi ngħożżu u niftaħru b'art twelidna Birkirkara. L-art li tat ħafna frott u ħafna personaġġi lil art Maltija.

Il-wegħda ta' kull Karkariż quddiem il-Patruna tagħna Sant'Elena hija l-Ħarsien, protezzjoni u imħabba lejn l-oħrajn.

Irridu nżommu l-wegħda
Li tawk l-għeżież tagħna mejtin
Fil-jum li ħatruk biex ta' beltna
l-għassiesa inti tkun tul is-snin.

Meta qegħdin noqorbu għas-sena elfejn, s-sena li Birkirkara tfakkar għeluq il-ħamsin sena Bażilika tajjeb li nirriflettu xi tfisser id-dinjità ta' Bażilika u għaliex ser niċċelebraw festi akbar minn tas-snin imgħoddija. Tajjeb li l-Kummissjoni maħtura mill-Kapitlu tagħżel motto biex fuqu nibnu dawn iċ-ċelebrazzjonijiet b'mod reliġjuż u b'mod li nagħtu Glorja 'l Alla u lil Patruna tagħna Sant'Elena.

Il-kelma Bażilika hija ta' Oriġini Griega. Sekli qabel it-twelid ta' Kristu kienet tfisser "don imperjali" jew "sala kbira". Tissemma wkoll fi żminijiet bikrija ta' l-imperu Ruman bħala "forum". L-iktar waħda antika hija dik ta' Pompei (100 Q.K.) u kellha 28 kolonna. Warajha tiġi dik ta' Trajanu (98 Q.K.) u mbagħad dik ta' Massenzju (300 Q.K.)

Ir-raba' u l-ewwel nofs tal-ħames seklu (W.K.) juruna l-arti nisranija tal-Knisja hekk imsejħa trijunfanti. F'dawn is-sekli kien hemm bdil fiċ-



ċirkostanzi ta' l-istat ta' l-Imperu Ruman. Il-fidi l-ġdida tan-Nazzarenu li kienet il-mira tal-ħruxija fis-sena 303 taħt Djokleżjanu u Massimiljanu wara l-battalja tal-Ponte Milvio u wara l-famuż Editt ta' Milan, ħadet xejra ġdida. Issa r-reliġjon Kattolika saret uffiċjali. Issa minn twemmin moħbi sar pubbliku.

Kif nafu tajjeb l-Imperatur Kostantinu bena Bażilki f'Ruma kif wkoll fi bliet fil-Lvant. F'dan iż-żmien li qegħdin nitkellmu fuqu l-kbarat tal-Knisja kienu f'tellieqa min minnhom jirnexxielu jgħolli l-aktar ir-reliġjon u juri lejha devozzjoni u qima. F'din l-epoka ta' l-istorja il-bini hekk imsejjaħ tal-qima jew kult jista' jitqassam fi tlett kategoriji. Il-Bażilika, il-Martirja u l-battisterji. Infatti fl-Art Imqaddsa dan huwa mfakkar fl-Anastasis fil-Knisja ta' l-Axxenzjoni.

Il-Martirja kien bini fejn jinżamm b'għożża l-fdal tal-mejtin. Il-Battisterji fejn kienu jitgħammdu l-Insara kienu jikkonsistu f'Vaska kbira fin-nofs li fiha kienet issir il-magħmudija bl-immersjoni. Sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja il-magħmudija kellha importanza fundamentali. Fost dawn insibu f'Napli dik ta' Rovenna, f'Ruma qrib il-Lateran dik ta' Santa Maria Maggiore.

Matul iż-żmien inbnew knejjes oħra u kienu jissejħu Bażilika għaliex kienu ddedikati lir-Re tar-Rejiet u kienu meqjusin bħala d-dar t'Alla fejn huwa joqgħod fuq it-tron sabiex il-fidili jersqu lejh u jitolbuh. Fil-lvant ta' l-Erodia insibu dik ta' Santa Sofia li nbniet fis-sena 360 minn Kostantino. Kostantino bena madwar 30 Bażilika hekk imsejjħa Kostantjani.

Rajna mela kif it-titlu ta' Bażilika mogħti lill-Knejjes kienet kontinwazzjoni diretta għalkemm simbolika bejn ir-residenza tar-Re tar-Rejiet. Iżda rridu ngħidu li dan it-titlu beda jingħata biss lil dawk il-Knejjes antiki u storiċi bħalma huma l-erba' Bażiliki ta' Ruma li jfakkru l-erba' sedi Patrijarkali tal-Knisja Kattolika u Universali. Ruma Kostantinojali, Lixandra, Antijokja. Dawn jissejħu Bażiliki maġġuri waqt li l-oħrajn kollha inkluża tagħna, jissejħu Bażilika minuri. Bħala simbolu għandhom id-dritt li jużaw l-Umbrellun u t-Tintinabbru.

Wara li tajna ħarsa twila lejn l-oriġinalità tal-Bażilika naraw kif Birkirkara daħlet f'din l-istorja bl-unur ta' Bażilika Minuri.

L-1950 kienet sena Imqaddsa. Sena li għal Poplu Karkariż kienet isbaħ minn dik ta' qabilha għaliex fiha rajna titwettaq il-wegħda ta' l-Arċisqof Gonzi dik li xtaq li jara t-tmiem tal-kwistjoni u li ta kelma

tiegħu ta' l-irġulija ma' kollox jintilef jekk jiżdiedu l-Prebendi.

Fit-18 ta' Jannar il-Papa Piju XII għogbu jagħti l-unur ta' Bażilika Minuri lill-Kolleġġjata tagħna bil-Bolla *Melitan Insulem* maħruġ minn Santa Maria Maggiore. L-aħbar xtandret malajr u fil-bidu ta' April twaħħal is-Salib Bażilikali li nhar is-Sibt 22 ta' April il-Knisja bdiet tintrama l-Istatwa ta' Santa Liena. Kollox kien jindika li kien wasal żmien il-ferħ, żmien aħjar minn dak ta' qabel. Fit-30 ta' April inqrat il-Bolla tal-Bażilika fost l-entużjażmu tal-poplu Karkariż. Min jaf kemm Karkariżi ħarsu lejn Sant'Elena u qalulha grazzi li għadda kollox.

Komplew it-tħejjijiet biex il-festa għażiża tas-Salib din is-sena ssir b'sollenità iżjed. Kien it-3 ta' Mejju li l-poplu Karkariż kien qiegħed jistenna u kull Karkariż dakinhar ma setax ma jtennix

O Knisja Elenjana
Żommni miegħek marbut
Biex mit-tlellix tad-dinja
Ma nkun qatt ittradut

Dakinhar ħarġet għall-ewwel darba wara erbatax-il sena l-Istatwa maħbuba u maestuża ta' Sant'Elena fost id-daqq tal-qniepen, ferħ u ċapċip. L-Entużjażmu ma qatax u baqa' sejjer għax wara l-Istatwa ħareġ ir-Rev.mu Kapitlu li kien sofra anke moralment f'dawk is-snin ta' dieqa.

Iżda l-poplu Karkariż feraħ għaliex dik il-Ġurnata kienet rebħa fuq dak li hu tal-poplu u ħażin għalih min jipprova jieħu dak li hu tagħna. Kull Karkariż jgħajjat



O kbira Imperatriċi
Mimlija b'rebħ ferrieħi
Ilqa' l-qaddejja l-ġenna
Dewwi ta' talbna l-ġieh

Inħobbok jien b'dik l-imħabba qariba
Mal-lemħa tiegħek lil qalbi nħoss tfur
U nħobb din l-art li kabbritni b'ħalibha
Li tatni s-saħħa u għamlitni mutur

Il-festi komplew bil-kbir. Fis-17 u 18 ta' Awissu fejn dakinhar ħarġu għall-ewwel darba l-umbrellun u t-tintinabbru. L-ispirtu festiv kien jidher ma' kullimkien għaliex wara l-poplu kien qiegħed jiċċelebra festi kbar li jixirqu lill-poplu Karkariż.

Hekk għadda l-jum biex għal min jibqa' ħaj jiġi d-dar, iżda le bħalu, għax il-minġel qerriedi reġa' qiegħed magħna reġa' qiegħed jisbor dak li hu tiegħu.

Kienu żminijiet sbieħ li żgur ma jerġgħux jiġu. Hekk qalli dan l-aħħar wieħed Karkariż prim.

L-istorja tgħallimna ħafna kif semmejt aktar qabel. Ta' qabilna qagħdu attenti u tgħallmu mill-istorja għalhekk ħabbew lil Birkirkara u ddefendew kulma huwa Karkariż, inkluża l-Kolleġġjata. Aħna suċċessuri tagħhom u għalhekk werrieta.

J'Alla dak li ġara ħamsin sena ilu jgħallimna ngħożżu dak li huwa verament tagħna u nipproteġuh. Lilek Patruna tagħna indawwruk ma' beltna Birkirkara. Il-Barka tiegħek kif tfajt dejjem u ħarist lil dan il-poplu hekk kburi bik, għaliex inti l-vera tama u mħabba ta' kull Karkariż.

Għeżież ħbieb u Elenjani
B'moħħi u qalbi tagħkom
F'dawn il-festi tal-Bażilika

Għal dan il-Birthday f'Birkirkara
Magħqudin lkoll ferħana
Nitpaxxew ġo din il-Bażilika
B'Kolleġġjata Elenjana

Ħallu x-xmux iddawlu 'l moħħna
U n-nirien lil qalbna jkebbsu
Ħalli l-ferħ li jferraħ
Forsi nrattbu 'l dawk li twebbsu

Ngħolli jdejna lejn il-kwiekeb
Nerfgħu rasna lejn is-sema
Nifthu fommna b'għajta kbira
Viva l-kbira Patruna tagħna.

Referenzi: Joseph A. Deacon
Baldass Aramato

**Paul Buhagiar**

**B'dedika tal-festi sbieħ fis-sena 2000**